MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 80/2022 LM

**Francis Galea (K.I. nru. 320863M) u martu Mary Galea (K.I. nru. 417364M)**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Catherine Cauchi (K.I. nru. 271241M)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Francis Galea (K.I. nru. 320863M)** u martu **Mary Galea (K.I. nru. 417364M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'], mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fit-8 ta' April, 2024 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li ddeċidiet it-talbiet tagħhom fil-konfront tal-intimata

**Catherine Cauchi (K.I. nru. 271241M)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’], kif ġej:

> *“Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qed tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata u qed tiddikjara t-talba tar-rikorrenti bħala preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.*
>
> *L-ispejjeż tal-preżenti huma a karigu esklussiv tar-rikorrenti.”*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta’ rikors ippreżentat quddiem il-Bord, ir-rikorrenti talbu li l-intimata tiġi ikkundannata tirrifondi s-somma ta’ tlettax-il elf Euro (€13,000) rappreżentanti depożitu akkont tal-prezz li huma ħallsu lilha wara li huma u l-intimata kienu daħlu f’konvenju għax-xiri u bejgħ tal-għalqa msejħa ‘Ta’ Bur il-Gallarija’, limiti ta’ Ħal Għaxaq, ta’ ċirka tomnejn u nofs [minn issa ‘l-art’]. Ir-rikorrenti spjegaw li l-kuntratt finali għax-xiri u l-bejgħ ta’ din l-art ma kienx sar, għaliex mir-riċerki ma rriżultax li l-intimata għandha titolu sodisfaċenti dwar l-imsemmija art, u b’hekk il-konvenju skada, bir-riżultat li d-depożitu mħallas kellu jiġi ritornat lura lilhom.

3. L-intimata wieġbet li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-azzjoni tagħhom hija preskritta, u xejn m’huwa dovut lilhom *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. L-intimata qalet li kif jirriżulta mill-iskrittura tal-15 ta’ Ġunju, 2012, il-ħlas li sar mir-rikorrenti, tħallas bħala kapparra li tintilef favur tagħha kemm-il darba r-rikorrenti jonqsu milli jersqu għall-iffirmar tal-kuntratt finali mingħajr raġuni valida. L-intimata qalet li t-titolu tagħha huwa wieħed tajjeb u validu, u għandu jirriżulta li l-antekawża tagħha tħallsu għal

parti minn din l-art mill-Gvern Kolonjali b'kuntratt tat-2 ta' Settembru, 1940, fl-atti tan-Nutar Edward Calleja Schembri, wara li kien sar esproprju ta' parti mill-art tal-antekawża tagħha sabiex setgħet tinbena *pillbox*. L-intimata qalet li l-art in kwistjoni tinsab fil-limiti ta' Ħal Għaxaq, u għandha kejl ta' ċirka żewġ tomniet u nofs. Qalet li hija kienet wirtet din l-art mill-poter tal-mejjet missierha l-PL Giovanni Zammit, li ġie nieqes fid-9 ta' Marzu, 1963. L-intimata qalet li l-kompraturi naqsu milli jersqu għall-kuntratt finali għax-xiri u l-bejgħ ta' din l-art sal-15 ta' Settembru, 2012, mingħajr raġuni valida. Qalet li lilha ma saritilha l-ebda interpellazzjoni sabiex tersaq għal dan il-kuntratt. L-intimata qalet ukoll li qabel ma hija daħlet f'konvenju mar-rikorrenti dwar l-art, ir-rikorrenti kienu diġà jikru l-art mingħandha b'titolu ta' qbiela permezz ta' skrittura tal-21 ta' April, 1994. Qalet li fil-25 ta' Frar, 2005, il-partijiet ftiehmu dwar kundizzjonijiet ġodda tal-kirja, li iżda baqgħu ma ġewx attwati, b'dan illi wara proċeduri ġudizzjarji bejn il-partijiet, ġie deċiż li r-rikorrenti kellhom jiżgumbraw minn din l-art b'effett mill-25 ta' April, 2019. L-intimata qalet li effettivament hija kellha toħroġ mandat ta' żgumbrament kontra r-rikorrenti. Qalet ukoll li permezz ta' proċeduri ġudizzjarji li ġew deċiżi mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), ir-rikorrenti ġew ikkundannati jħallsuha s-somma ta' €8,017.75, oltre l-imgħax legali mill-31 ta' Mejju, 2019. Qalet li wara din is-sentenza, hija ħarġet mandat ta' sekwestru eżekuttiv għall-ħlas tas-sorte u spejjeż, u r-rikorrenti ħallsu s-sorte u l-ispejjeż tal-Prim'Istanza, imma kien għad fadlilhom iħallsu l-ispejjeż tal-appell minħabba li t-taxxa relattiva kienet għadha ma nħarġitx.

**Is-Sentenza Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' April, 2024, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkonsidrat;*

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta li permezz ta' skrittura privata datata l-21 ta' April, 1994, l-intimata u ċertu Thomas Cauchi kkonċedew lir-rikorrenti u lil Antonia Camenzuli l-art mertu de quo b'titolu ta' kera għall-perijodu ta' ħdax-il sena li bdew jiddekorru mill-15 t'Awwissu, 1994. (fn. 1: ara fol. 33 tal-atti proċesswali) Illi permezz ta' skrittura datata l-15 ta' Frar, 2005, l-istess intimata u Thomas Cauchi reġgħu kkonċedew lir-rikorrenti u Antonia Camenzuli din l-istess art b'titolu ta' kera għall-perijodu ta' għaxar snin li bdew jiddekorru minn dakinhar stess tal-iffirmar tal-kuntratt. (fn. 2: ara fol. 34 tal-atti proċesswali) Illi l-partijiet kellhom diversi proċeduri kontra xulxin rigward l-imsemmija konċessjoni lokatizja u l-intimata saħansitra kellha tirrikorri għall-mandat ta' żgumbrament kontra r-rikorrenti.*

*Illi jirriżulta wkoll li fil-15 ta' Ġunju, 2012, ċioe waqt li kienet għadha għaddejja l-konċessjoni lokatizja msemmija, l-intimata u r-rikorrenti ffirmaw skrittura li permezz tagħha l-intimata obbligat ruħha li tbiegħu u tittrasferixxi l-art de quo lir-rikorrenti, f'ismu u f'isem martu Mary Galea, li obbligaw ruħhom li jixtru u jakkwistaw l-art de quo. Il-prezz miftiehem kien ta' €260,000 li minnhom kienu ġja tħallsu €13,000 bħala kapparra. (fn. 3: ara fol. 12 tal-atti proċesswali)*

*Illi l-kawża odjerna għall-irkupru ta' dawn it-€13,000 imħallsa stante li, skont ir-rikorrenti, irriżulta li l-intimata m'għandhiex titolu tajjeb fuq l-art soġġetta għall-imsemmi konvenju u b'hekk ma setax jidher fuq l-att finali.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi l-ewwel eċċezzjoni mogħtija mill-intimata hija li l-azzjoni odjerna hija preskritta bid-dekors tal-perijodu ta' ħames snin, ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan l-artikolu jrid jinqara wkoll fid-dawl tal-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll l-artikolu 2160 tal-istess Kodiċi.*

*Illi fl-ewwel lok ġie stabbilit fis-sentenza **Cutalex Tourist Company Ltd vs Pamela Rose Wathen pro et noe et** (fn. 4: **Cutalex Tourist Company Ltd vs Pamela Rose Wathen pro et noe et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju, 2011) is-segwenti:-*

"Illi huwa magħruf li l-artikolu 2156(f) jgħodd għal żewġ għamliet ta' azzjonijiet li jitkellmu dwar krediti: dawk dwar krediti ewlenin jew prinċipali (fejn is-somma mitluba hija l-ħlas tal-obbligazzjoni nnifisha) jew krediti aċċessorji mitluba fis-sura ta' somma flus (fejn l-obbligazzjoni ewlenija tkun rabta kuntrattwali ta' xort'oħra)."

*Illi fil-każ de quo jirriżulta li s-somma mitluba mir-rikorrenti ġiet mgħoddija lir-raġel tal-intimata, illum mejjet, bħala parti minn negozju li kien jikkonsisti fil-bejgħ tal-għalqa magħrufa bħala "ta' Bur il-Gallarija", fi Triq Ħas Saptan, fil-kontrada ta' Ħal Saptan, fil-limiti ta' Ħal Għaxaq. Jirriżulta li din l-azzjoni hija proprju għall-ħlas ta' din is-somma li mhijiex ġejja min att pubbliku u lanqas mhija kolpita minn terminu preskrittiv iqsar minn dak ta' ħames snin. B'hekk, il-Qorti hija sodisfatta li l-artikolu 2156(f) ċitat mill-intimata huwa korrett għal din it-tip ta' azzjoni.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi fir-rigward tal-artikolu 2137 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija l-element ta'* dies a quo. *Illi ġie ritenut fis-sentenza* ***Joseph Stivala vs Prof Joseph Colombo*** *(fn 5:* ***Stivala vs Prof Joseph Colombo****, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 9 ta' Jannar, 1953) illi "*Iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali."

*Illi l-intimata tgħid li mid-data ta' meta ġiet iffirmata l-iskrittura fl-2012 sal-ġurnata tal-lum, hija qatt ma ġiet interpellata ġudizzjarjament għall-pagament tas-somma mitluba mir-rikorrenti u r-rikorrenti, min-naħa tiegħu, ma ressaq ebda prova tal-ksur taż-żmien preskrittiv ai termini tal-artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili jew permezz ta' xi att ieħor li jikser il-perijodu preskrittiv.*

*Illi sfortunatament, mix-xhieda ta' Francis Galea jidher li hemm konfużjoni kemm dwar meta ta s-somma mitluba lir-raġel tar-rikorrenti (fn. 6: Fix-xhieda mogħtija fis-16 ta' Jannar, 2023 jgħid li tah is-somma qabel l-iffirmar tal-konvenju (ara fol. 106 tal-atti proċesswali) filwaqt li fix-xhieda mogħtija fil-25 ta' April, 2023 jgħid li għaddielu s-somma mal-konvenju (ara fol. 148 tal-atti proċesswali), kif ukoll dwar id-denominazzjoni tagħhom (fn. 7: Fix-xhieda mogħtija fil-25 ta' April, 2023 jgħid li l-flus kienu Maltin (LM) (ara fol. 148 tal-atti proċesswali) filwaqt li fir-rikors promutur jitlob €13,000, u mhux l-ekwivalenti ta' LM13,000 f'denominazzjoni Ewro). L-intimata tixhed li dawn il-flus ingħataw lir-raġel tagħha madwar tmien xhur qabel l-iffirmar tal-konvenju (fn. 8: ara x-xhieda ta' Catherine Cauchi mogħtija fis-16 ta' Jannar, 2023 (a fol. 112 tal-atti proċesswali). Li hu żgur, madanakolu, li fid-data li ġie ffirmat il-konvenju, il-flus kienu diġà ngħataw lir-raġel tal-intimata u b'hekk il-Qorti se tqis dik il-ġurnata bħala l-ġurnata li fiha ingħataw dawn il-fondi hawn mitluba.*

*Illi mid-data tal-15 ta' Ġunju, 2012 sad-data ta' meta ġew inizjati l-proċeduri odjerni, ossija t-30 ta' Marzu, 2022 għaddew ftit inqas minn għaxar snin, u b'hekk il-perijodu preskrittiv ta' ħames snin dettat mill-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili ddekorra.*

*Illi di più, fix-xhieda tagħha, l-intimata ddikjarat bil-ġurament tagħha illi hija m'għandha ttih xejn għax għadda ħafna żmien. (fn. 9: ara x-xhieda tagħha mogħtija fis-16 ta' Jannar, 2023 a fol. 113 tal-atti proċesswali). B'hekk il-Qorti hija sodisfatta li l-vot tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili ġie ampjament sodisfatt.*

*Illi b'hekk il-Qorti qed issib illi l-azzjoni odjerna hija preskritta."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-22 ta' April, 2024, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tat-8 ta' April, 2024, fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata, u fejn iddikjarat it-talba tar-rikorrenti bħala preskritta, u konsegwentement tirrimanda l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu.

6. L-appellanti qalu li l-aggravju tagħhom huwa ċar għaliex l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin kemm tal-liġi u kif ukoll tal-provi, meta kkonkludiet li t-talbiet attriċi huma preskritti bid-dekors ta' ħames snin. Hawnhekk l-appellanti għamlu riferiment għall-artikolu 2160 tal-Kap. 16, li jgħid li l-preskrizzjoni invokata mill-appellata m'għandhiex effett, jekk il-parti li teċċepiha, ma tieħux il-ġurament minn jeddha waqt il-kawża, li mhijiex debitriċi, jew li ma tiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. L-appellanti qalu li jekk wieħed jagħrbel ix-xhieda tal-appellata, wieħed jara li dan l-artikolu tal-liġi ma ġiex sodisfatt, u li l-appellata ma xehditx bil-ġurament li hija mhijiex debitriċi tal-appellanti jew li ma tiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa jew le. L-appellanti qalu li l-appellata spjegat biss li hija verament kienet tħallset id-depożitu fuq il-

konvenju, u li l-konvenju verament skada, però hija tikkontendi li m'għandhiex tirrifondi l-flus lura peress li għadda ż-żmien. L-appellanti qalu li meta l-leġislatur impona dan l-obbligu fuq min jeċċepixxi l-preskrizzjoni, ried li l-konvenut jikkonferma bil-ġurament li mhuwiex debitur, u li xejn m'huwa dovut mingħandu. L-appellanti qalu li ovvjament ir-raġuni trid tkun illi l-konvenut qatt ma kien debitur, jew inkella għad illi kien debitur, l-ammont ġie saldat. L-appellanti qalu li wieħed sempliċiment jgħid li m'għandux jagħti għaliex għadda ż-żmien, allura dan l-artikolu jitlef l-iskop tiegħu, għaliex kull min jeċċepixxi l-preskrizzjoni jkun qiegħed isostni li għadda ż-żmien. L-appellanti ċċitaw ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fejn ingħad mhuwiex biżżejjed li d-debitur jgħid li għadda ħafna żmien, u li ma rċeviex interpellazzjoni uffiċjali mingħand il-kreditur. L-appellanti għamlu riferiment għax-xhieda tal-appellata, fejn din qalet li fil-fehma tagħha hija m'għandhiex tagħti l-flus lura lill-appellanti għaliex kien għadda ħafna żmien, u hija tħoss li daħqu biha. L-appellanti qalu wkoll li l-preskrizzjoni dejjem għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. Fir-risposta tagħha l-appellata wieġbet li s-sentenza tat-8 ta' April, 2024 fl-ismijiet premessi hija ġusta u timmerita konferma. Qalet li l-konvenju in kwistjoni skada fil-15 ta' Novembru, 2012, sabiex b'hekk il-kapparra ta' €13,000 intilfet favur tagħha stante li l-appellanti naqsu milli jersqu għall-iffirmar tal-kuntratt mingħajr raġuni valida fil-liġi. Żiedet tgħid li l-flus li hija rċeviet ma kinux depożitu akkont tal-prezz, iżda ħlas ta' kapparra. Spjegat li bejn il-15 ta' Novembru, 2012 u l-preżentata tal-proċeduri odjerni fit-30 ta' Marzu, 2022, għaddew ftit anqas minn għaxar snin, sabiex b'hekk il-perijodu preskrittiv ta'

ħames snin dettat mill-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, leħaq iddekorra. Qalet li hija m'għandha tagħti xejn lill-appellanti, għaliex għadda ħafna żmien, kif jirriżulta mix-xhieda tagħha tas-15 ta' Jannar, 2023, u anki legalment xejn m'huwa dovut għaliex id-depożitu kien kapparra u mhux ħlas akkont tal-prezz. L-appellata qalet li t-titolu tagħha huwa wieħed tajjeb, stante li l-art in kwistjoni pprevjeniet lilha mill-eredità tal-mejjet missierha. Qalet ukoll li qabel il-konvenju, *ai termini* ta' skrittura tal-21 ta' April, 1994, l-appellanti kienu qegħdin iħallsu l-qbiela fuq dan ir-raba', imma kienu ilhom ma jħallsu qbiela mill-25 ta' Frar, 2013, minbarra li ħallew lil uliedhom jibnu ambjenti fuq l-art in kwistjoni, u minflok ħallewha art agrikola, għamlu dar abitabbli li kienu qegħdin jgħixu fiha, u ttrasferew anki l-vot tagħhom fuq il-proprjetà tagħha. L-appellata qalet li din l-art, minn għalqa saret residenza, u kien għalhekk li permezz tar-rikors numru 11/2013 hija talbet l-iżgumbrament tal-appellanti, liema talba ġiet milqugħa fis-16 ta' Mejju, 2018. Qalet li l-appellanti appellaw minn din is-sentenza, u ngħatat sentenza finali mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2019. Qalet li in vista ta' dan kollu, hija talbet il-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament u mandat ta' inibizzjoni peress li l-appellanti heddewha li ser jagħmlulha ħsara fi proprjetà tagħha, u l-mandat ta' inibizzjoni kien intlaqa' fl-10 ta' April, 2019. L-appellata qalet li l-marixxalli tal-Qorti kienu anke bidlu ċ-ċwievet tal-fond in kwistjoni, imma minkejja dan, l-appellati baqgħu jippretendu l-pussess tal-art tagħha u anki intavolaw proċeduri kontra tagħha, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet iż-żewġ eċċezzjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet, stante li l-azzjoni kienet irritwali u improponibbli. L-appellata qalet li din hija r-retroxena għall-kawża oderna, u għalhekk l-ebda flus m'huma dovuti minnha għaliex l-azzjoni hija preskritta, u fi kwalunkwe każ, id-depożitu li tħallas kien fil-forma ta' kapparra.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata.

*L-Aggravju:* *[L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi u tal-provi, meta kkonkludiet li t-talbiet attriċi huma preskritti bid-dekors ta' ħames snin]*

9. L-appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta laqgħet l-eċċezzjoni tal-appellata, li t-talbiet tagħhom huma preskritti, u qalu li mill-provi għandu jirriżulta li r-rekwiżiti tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili ma ġewx sodisfatti għaliex l-appellata imkien ma kkonfermat bil-ġurament li hija mhijiex debitriċi jew li hija kienet debitriċi imma li l-ammont ġie saldat. L-appellata laqgħet għal dan, billi wieġbet li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma, u dan għaliex kienu l-appellanti li naqsu milli jersqu għall-iffirmar tal-kuntratt għall-akkwist tal-proprjetà, u dan minkejja li hija kellha titolu tajjeb fuq l-art. L-appellata tgħid ukoll li għandu jirriżulta li l-appellanti kienu morużi fil-ħlas tal-qbiela għal numru ta' snin, u li huma ġew żgumbrati minn din l-art b'sentenza tal-Qorti, wara li rriżulta li fuq din l-art huma bnew dar fejn jabitaw, u bidlu d-destinazzjoni tal-fond.

10. Il-Qorti tibda billi tirrileva li f'dan l-appell hija mhijiex qiegħda tintalab tagħti deċiżjoni dwar jekk l-appellanti kinux legalment korretti meta naqsu milli jersqu għall-iffirmar tal-kuntratt finali għax-xiri tal-art, u lanqas m'hija ser tidħol

fil-mertu dwar jekk huwiex minnu li l-appellanti kienu morużi fil-ħlas tal-kera, jew jekk l-appellanti bnewx strutturi illegali u b'xi mod bidlu d-destinazzjoni tal-fond. Dawn il-kwistjonijiet, li uħud minnhom diġà ġew deċiżi f'kawżi oħrajn, ma jiffurmawx il-mertu li trid tiddeċiedi dwaru din il-Qorti. Dak li trid tiddeċiedi dwaru din il-Qorti, huwa jekk ġewx sodisfatti ir-rekwiżiti tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, u dan speċifikament wara li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li r-rekwiżiti tal-imsemmi artikolu 2160 ġew sodisfatti meta l-appellata xehdet li hija m'għandha tirrifondi xejn lill-appellanti peress li kien għadda ħafna żmien. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Stephen Muscat noe et *vs.* Nicholas Grima et**[1]:

"*Illi mill-promulgazzjoni tal-Kodiċi Ċivili sal-Att numru I tas-sena 2017, l-Art. 2160 kien joħloq u jirregola l-ġurament deċiżorju, mogħti mill-pretiż kreditur lill-allegat debitur, abbażi ta' domanda unika u preċiża: jekk huwiex debitur, jew jekk jiftakarx li l-ħaġa ġietx imħallsa. Id-debitur kellu jwieġeb għal dawn id-domandi skont il-formola, u xejn iżjed. Il-kreditur ma setax jistaqsi domandi oħrajn flimkien jew wara din id-domanda. Jekk id-debitur iwieġeb fin-negattiv, allura l-preskrizzjoni tkun ġiet ippruvata. Effettivament id-debitur ikun ġie ttrasformat f'ġudikant tiegħu nnifsu. It-tweġiba kienet tkun tassew waħda deċiżorja għax taqta' l-kwistjoni irrispettivament jekk id-debitur ikunx qiegħed jigdeb jew jgħid il-verità jew jekk il-ġudikant jemmnux jew le.*

*Illi permezz tal-Att I tal-2017 (li b'għaġġla kbira reġa' ġie emendat bl-Att VII tal-2017), il-ġurament ikkontemplat fl-Art. 2160 għadda minn vera u proprja metamorfosi, għaliex tbiddlet in-natura tiegħu. Ma baqax jittratta ġurament deċiżorju, li kien isir b'għażla tal-kreditur u a riskju tiegħu minħabba li t-tweġiba kellha effett probatorju assolut u awtomatiku li ma setax jiġi impunjat. Il-ġurament li l-konvenut mhux debitur issa ma jingħatax mill-pretiż kreditur a xelta tiegħu, imma mill-allegat debitur <u>bilfors</u> u fuq inizjattiva tiegħu stess bħala element kostituttiv tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi. Il-ġurament ma baqax deċiżiv għaliex id-debitur li jkun ħadu jista' jiġi assoġġettat għal kontro-eżami:*

*"Dak li kien ġurament deċiżorju, illum, mhux bilfors baqa' deċiżorju. Jista' jkun li ġie reż fi prova bħal kull prova oħra in sostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-*

[1] GM, 02.09.2020.

*kawża"; (fn. 17: P&S Limited v Noel Zammit, 16.02.2018 Prim'Awla coram Onor. Imħallef Toni Abela)*

*Illi filwaqt li fl-art. 2160 oriġinali, l-istqarrija tal-konvenut riedet issir meta jiġi deferit lilha l-ġurament (u dan bilfors kellu jkun hekk) fl-Art. 2160 kif issa emendat, il-ġurament li mhuwiex debitur jista' jittieħed f'kull waqt tal-kawża;*

*...*

*"19. Li forsi ma fehemx il-konvenut hu, li l-eċċezzjoni taħt l-artikolu 2156(f) u (d) tal-Kodiċi Ċivili ma tirnexxix għas-sempliċi raġuni li jkunu għaddew ħames snin. It-terminu msemmi fir-rigward tal-artikoli 2156(d) u (f) tal-Kodiċi Ċivili huwa biss wieħed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiża. Dak li jiddisponi dan l-artikolu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-ieħor kumulattiv ta' natura proċedurali, li jikkommina l-artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili.*

*...*

*21. Minkejja t-tibdil fil-liġi kif ingħad, dawn iż-żewġ formuli ta' ġurament xorta baqgħu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eċċezzjonijiet. Li tgħid li d-dejn huwa preskritt, mingħajr ma tuża t-test li trid il-liġi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eċċezzjoni. Ma hux kompitu tal-konvenut li jasal għall-konklużjonijiet legali. Il-kompitu tiegħu li jimxi skont dak li jitlob -artikolu imsemmi. Il-konvenut imkien ma jgħid, lanqas in kontro-eżami, testwalment, dak li jrid l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. F'dan ir-rigward ġie affermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet* ***Tabib Prinċipali tal-Gvern - vs - Georgina Muscat*** *tat-8 ta' Marzu, 1978:*

"Il-formula tal-ġurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqgħod jitlob spjegazzjonijiet oħra lill-konvenut, bħal per eżempju l-kawża tal-estinzjoni, imma għandu joqgħod strettament għall-formula tal-ġurament, li għal dak li jirrigwarda l-allegat debitur hi waħda jew l-oħra mit-tnejn speċifikati fl-artikolu 2265(1) (illum 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili)."

*Huwa minnu li dan il-bran intqal fid-dawl tal-liġi kif kienet. Iżda huwa minnu ukoll, li fil-liġi kif inhi llum, il-formula baqgħet hemm u inalterabbli, anke jekk illum jidher li l-kontro-eżami hu permissibbli, għax fejn qabel kien ikun prodott mill-Attur, tajjeb jew ħażin, illum huwa l-konvenut stess li jrid joffri li jixhed u għalhekk ma jikkwalifikax bħala xhud prodott mill-attur. Jekk il-kontro-eżami tal-konvenut kien wieħed xi ftit isserrat, dan kien kawża tal-fatt li fl-affidavit tiegħu, l-istess konvenut għażel li jagħmel rakkont sħiħ ta' fatti li ftit li xejn jinċidu fuq l-azzjoni. Flok qagħad mal-formula tal-liġi, biex b'hekk anke l-kontro-eżami kien ikun ikkonfinat b'dak li*

> *jiddisponi l-artikolu 580 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fetaħ bieb beraħ biex ikun kontro-eżaminat b'mod estensiv."*

11. Minn dak li jirriżulta mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, din straħet fuq ix-xhieda tal-appellata, fejn għad-domanda tal-avukat tagħha li kienet tgħid, "*[i]nti għandek tagħtihomlu dawn il-flus?*", hija wieġbet, "[*m*]*'għandix nagħtihomlu għax għadda ħafna żmien. Jien hekk inħoss almenu u ħassejt li daħak bija."*

12. Il-Qorti tirrileva li minn dak li qalet l-appellata fix-xhieda tagħha, din mhux talli ma qalitx li mhijiex debitriċi, talli kkonfermat li l-flus in kwistjoni ingħataw lilha, imma qalet li m'għandhiex troddhom għaliex għadda ħafna żmien. L-artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili jispeċifika illi:

> "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157* [tal-Kap. 16]*, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom ma jagħtux il-ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."*

13. Fil-każ odjern evidentement l-appellata ma xehditx li hija mhijiex debitriċi, imma stqarret li għalkemm il-flus jinsabu fil-pussess tagħha, hija m'għandhiex troddhom lura, għaliex għadda ħafna żmien u għaliex fil-fehma tagħha l-appellanti daħqu biha. Dan mhux dak li tisħaq fuqu l-liġi biex ikun jista' jingħad li r-rekwiżiti tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16 ġew sodisfatti, u għalhekk il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konklużjoni tagħha fejn iddeċidiet li t-talba tal-appellanti hija preskritta. Dan ifisser li l-kawża għandha tkompli tinstema' fil-mertu, sabiex jiġi deċiż jekk it-talbiet tal-appellanti għandhomx jiġu milqugħin jew le abbażi taċ-ċirkostanzi kif seħħew.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tilqgħu, u filwaqt li tiddikjara li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata ta' dak li jgħid l-artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi deċiża fil-mertu.**

**Dwar l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, tirriserva li tipprovdi fis-sentenza finali.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**